MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 2659/1997/1

**Mario Attard**

**Vs**

**John Formosa f'ismu personali u bhala Editur tal-Gazzetta "The People" u kif ukoll Mario Vella Laurenti fil-kapacita` personali tieghu**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 ta' Novembru 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta' pubblikazzjoni u cioe` fil-gurnal intitolat "The People" u precisament fil-harga tal-gurnal sudett ta' l-1 ta' Awissu 1997 il-konvenut Editur stampa u/jew ippermetta li jigi stampat rapport li jibda fl-ewwel pagna u jkompli f'pagna 5 intitolat "Amateur Spy" u li jibda

bil-kliem "A St Julians resident ...." u jispicca bil-kliem ".... after the Court's summer recess";

Premess illi dan l-istampat kien jikkomprendi wkoll ritratti u kummenti li ghamel il-konvenut l-iehor Mario Vella Laurenti u li dawn gew specifikament minn ta' l-ahhar lil ta' l-ewwel biex jidhlu fl-istampa;

Premess illi bl-istampat u bir-rapport fuq imsemmi gew attribwiti lill-attur fatti determinanti u malafamanti bl-iskop uniku li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku u li jigi oltreggjat l-unur u fama tieghu;

Premess illi skond il-ligi u kif jipprospetta l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur ghandu d-dritt li jagixxi permezz tac-citazzjoni odjerna biex jitlob id-danni minghand il-konvenuti jew min minnhom;

Talab ghalhekk l-attur lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara li l-kitba, ritratti u kummenti kif sudetti stampati u publikati, saru bl-iskop uniku li joltreggaw il-fama u l-unur ta' l-attur u/jew li jwaqghuh ghad-dispress u ridikolu pubbliku; u

2. sussegwentement ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta jigu kkundannati jhallsu lill-attur fil-kwalitajiet premessi dik is-somma li ghandha tigi likwidata fid-dawl ta' l-artikolu msemmi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Vella Laurenti pprezentata fil-15 ta’ Gunju 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi c-citazzjoni hija nulla stante li l-konvenut Mario Vella Laurenti qatt ma xandar b'xi mezz ta' xandir, jew ippublika jew qassam f'Malta xi stampat, a tenur tal-artiklu 28 tal-Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta, ebda kumment jew dikjarazzjoni malafamanti.

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-affarijiet kollha li l-konvenut qal fuq il-kwistjoni li hi l-mertu ta' din il-kawza, huma fatti veri jew kummenti gusti fuq fatti veri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Vella Laurenti, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-2 ta' Gunju 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut Mario Vella Laurenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Bl-azzjoni minnu proposta l-attur qed jghid li hassu malafamat bil-pubblikazzjoni fil-harga tal-gurnal "The People" ta' l-1 ta' Awissu 1997 fejn fl-ewwel faccata taghha taht it-titlu "Amateur Spy has his day" gew addebitati lilu fatti li joltreggjaw l-unur u l-fama tieghu. Dejjem skond l-attur, kif hekk iddikjarat minnu fl-Affidavit (fol. 20), b'dik il-pubblikazzjoni flimkien mar-ritratti esebiti, huwa gie "framed", tant li dan wassal ukoll biex hu jigi licenzjat mill-impjieg;

Il-konvenut John Formosa, li fiz-zmien rilevanti kien l-editur tal-gurnal (ara ittra tal-Press Registrar a fol. 92 tal-process), ma ressaq ebda difiza u baqa' kontumaci. Invece, il-konvenut l-iehor Mario Vella Laurenti pprezenta Nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 10) biex jopponi ruhu ghall-azzjoni attrici bil-linja difensjonali illi fl-ewwel lok hu ma kellux x'jaqsam mal-kitba jew pubblikazzjoni mxandra fil-gurnal u sekondarjament u f'kull kaz, li dak riportat fuq il-kwestjoni jikkorrispondi ghall-fatti veri jew kummenti gusti fuq fatti veri;

Il-fatti li jinzlu mill-istruttorja tal-kaz huma bejn wiehed u iehor is-segwenti;

1. Il-pubblikazzjoni taht investigazzjoni ssemmi illi skond ma ntqal lill-gurnal mill-konvenut Vella Laurenti kien hemm diversi incidenti ripetuti fejn hu kien il-vittma ta' hsarat sew fuq il-vettura kif ukoll fil-proprjeta` tieghu. Is-suspett waqa' fuq l-attur u f'okkazjoni minnhom giet rekordjata permezz ta' video camera l-presenza ta' l-attur fil-vicinanzi tal-karozza tieghu u wkoll “a distinct grating sound”. Inghad ukoll illi ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' l-attur, gar ta' l-imsemmi Vella Laurenti;

2. Fl-atti gew prodotti kopji ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-wahda moghtija fit-13 ta' Mejju 2002 (fol. 148) li sabet lill-attur hati ta' l-imputazzjoni ta' hsara volontarja fuq il-vettura ta' Vella Laurenti, l-ohra datata 13 ta' April 2005 (fol. 103) u li permezz taghha lliberat lill-attur in raguni ghad-dubju insort fil-Qorti li dakinhar ta' l-incident l-attur seta' kien band'ohra. Ta' min jirrileva illi din it-tieni sentenza kellha tinghata ghaliex il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet laqghet l-appell ta' l-attur lilha u rrinvjat l-atti lura lill-ewwel Qorti. Ta' min jirrileva wkoll illi f'din l-ahhar sentenza, nonostante l-liberazzjoni, il-Qorti kienet hemm ikkummentat illi hija kienet ghal kollox konvinta mill-fatt illi l-attur-akkuzat kif jidher fil-video verament jidher li qieghed f'kuntatt mal-vettura ta' Vella Laurenti;

3. Fl-okkazjonijiet li fihom xehed l-attur, filwaqt li jaccetta illi l-persuna muri fir-ritratti u fil-video kien hu, jirrakkonta illi hu kien intenzjonat iwahhal il-pjanci fuq il-vettura privata tieghu, ipparkja l-van tax-xoghol wara l-karozza ta' Vella Laurenti, nizel minnu u ha l-pjanci mieghu u mar iqeghdhom fil-vettura tieghu. Biex ghamel dan hu ghadda minn hdejn il-vettura ta' l-istess Vella Laurenti. Huwa jsostni illi l-Qorti tal-Magistrati ta' Gudikatura Kriminali kienet zbaljata fil-kumment li ghamlet ghaliex, skond hu, fl-ebda hin ma kien f'kuntatt mal-vettura ta' Vella Laurenti. Jinsisti wkoll illi l-hoss li jinghad li nstema filwaqt li hu kien ghaddej minn hdejn il-vettura ma jfisserx li dik hi l-verita`, anke ghaliex skond hu, fl-esperjenza tieghu, mhux possibbli li jinstema' hoss bhal dak minn 70 metru distanza. Jiddikjara inoltre li skond l-espert li ezamina l-video intqal minnu li l-istess kien editjat u mbaghbas. Ara d-deposizzjonijiet ta' l-attur in kontro-ezami fis-seduti tad-29 ta' Jannar, 2004, tal-15 ta' Marzu, 2007 u tad-19 ta' Novembru, 2009 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u wkoll dik minnu offruta fil-proceduri penali (fol. 117 *et sequitur*);

4. Minn naha tieghu l-versjoni tal-konvenut Vella Laurenti hi fis-sens illi dak ippubblikat fil-gurnal kien jikkorrispondi ghall-verita (ara Affidavit tieghu a fol. 31), kompriz il-wiri ta' ritratti jew "*stills*" in kwantu dawn ittiehdu bil-video camera tieghu (ara kontro-ezami tal-konvenut a fol. 57 *et sequitur*);

Premessi dawn il-fatti fil-qosor, jibda biex jinghad in linea generali illi definittivament u b'mod espress il-fatti kriminuzi attribwibbli lill-attur bil-pubblikazzjoni u b'dawk l-i*stills* huma, skond il-metru solitu tal-qarrej ordinarju, univoci. Dan fis-sens illi l-konnessjoni dwarhom ma setax hlief ikun l-attur, specifikament menzjonat b'ismu bhala l-persuna li fil-konfront tieghu ttiehdu proceduri penali ghall-hsara volontarja fuq il-vettura tal-konvenut Vella Laurenti;

Issa bit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut Vella Laurenti javvanza l-proposizzjoni, ri-affermata wkoll fl-Affidavit tieghu, illi l-fatti rakkontati fil-pubblikazzjoni huma veri, jew, altrimenti, skond l-istess eccezzjoni, kummenti gusti fuq fatti veri. Fuq il-punt tavverti l-ewwelnett is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-10 ta' Ottubru, 1953 in re" "**Il-Pulizija -vs- Nestu Laiviera**" illi "huma essenzjali qabel xejn li jigi determinat jekk l-espressjonijiet (fl-istampat) kienux kummenti jew allegazzjonijiet ta' fatt, ghax jekk huma allegazzjonijiet ta' fatt, allura m'hemmx kwestjoni tad-difiza tal-"fair comment" ghar-raguni li ghal "statements of fact" id-difiza hi dik tal-verita jew ta' "privilege" (justification or privilege")";

Oggettivament konsiderata fl-assjem taghha l-pubblikazzjoni kkontestata ma tidherx li tikkontjeni ebda hjiel ta' xi komment izda biss u sempliciment kronaka ta' fatti narrati fuq l-informazzjoni supplita lill-awtur tal-kitba mill-konvenut Vella Laurenti, u skarni minn xi opinjoni ntiza biex tinfluwenza lill-qarrejja. Li jfisser allura, fit-termini ta' l-enuncjazzjoni estratta, illi ghall-iskansar mir-responsabilita` civili l-verita` intrinsika ta' dawk l-istess fatti kellha tigi pruvata minn min irrakkontahom. S'intendi mhux bizzejjed l-istat subjettiv tieghu imma hemm bzonn il-prova certa tal-verita` obbjettiva ta' l-imputazzjonijiet li jkun ghamel lill-kwerelant" (f'dan il-kaz di fronte ghall-attur). Ara "**Vincenza Turiglia -vs- Manwel Calleja**", Appell Kriminali, 29 ta' Settembru, 1947. Ghall-precizazzjoni, jinsab affermat illi l-prova trid tkun ta' l-istess grad ta' dik li ordinarjament ghandha taghmel il-Prosekuzzjoni meta taddebita bl-att ta' l-akkuza delitt lill-processat. Ara "**Arturo Mirasole -vs- Manwel Borg**", Appell Kriminali, 6 ta' Dicembru, 1948;

B'dawn il-principji ta' dritt quddiemha kif jinzlu mill-gurisprudenza l-Qorti ezaminat il-provi attendibbli u hi tal-fehma illi l-kontenut tal-pubblikazzjoni in mertu ghall-fatt principali rakkontat tal-hsara fuq il-vettura u li dwaru l-partijiet l-aktar, jekk mhux ukoll eskluzivament, ikkoncentraw fil-kors tal-procediment ma tbieghedx, ghal

dik li hi esposizzjoni tieghu, minn dak sostanzjalment ivverifikat f'dik li hi r-realta` u l-verita` tal-fatt kif issuccieda. Il-Qorti qed issostni dan bil-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

1. Jibda biex jigi osservat fl-ewwel lok illi l-attur innifsu jaccetta li l-persuna raffigurata fir-ritratti akkompanjanti l-pubblikazzjoni kien hu;

2. Kuntrarjament ghal dak dedott mill-istess attur il-video li ttiehed mill-konvenut Vella Laurenti ma kienx manufatt jew ghallanqas l-espert nominat mill-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali ma kienx ta' dik l-opinjoni. Dan, l-istess Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tat-13 ta' April, 2005 ikkonfermatu fejn irragunat illi l-video ma kienx gie b'xi mod imbaghbas;

3. Ukoll dik l-istess Qorti kienet konvinta, fuq il-bazi tar-rapport peritali, illi kien jirrizulta hoss akkompjanti mal-mixja ta' l-attur hu u ghaddej, anke baxxut, vicin il-vettura ta' Vella Laurenti, u li, fuq kollox, anke mill-vizjoni tal-video, li dak il-hoss tal-grif kien derivat minn kuntatt ma' l-istess vettura fil-waqt li, kif ukoll ammess mill-attur, hu kellu pjanci ta' l-aluminium f'idejh;

4. Din il-Qorti ma ssibx x'ticcensura f'dak ir-ragonament maghmul minn dik il-Qorti ghaliex anke ghaliha dak il-fatt principali riportat jidher korrett fl-elementi essenzjali tieghu u hu, anzi, legittimat li jinghad illi l-attur ma kienx 'il fuq minn dak is-sospett dwar liema ttiehdu proceduri penali fil-konfront tieghu. Certament ma tassumi ebda valenza l-konsiderazzjoni illi hu imbaghad ma nstabx hati *in criminalibus*, tant ghaliex dik il-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjoni ttiehdet merament fuq l-istregwa tal-possibbli konflittwalita` fid-data li fiha jinghad li sehh l-incident, tant ghaliex ukoll, kif maghruf, iz-zewg proceduri – dik kriminali u dik civili – huma distinti minn xulxin;

5. Issemma mill-attur illi r-rappurtagg fil-gurnal gablu b'konsegwenza l-licenzjament tieghu mill-impjieg. Apparti li s-sentenza tat-Tribunal Industrijali tas-17 ta' Lulju 2000 esebita a fol. 137 imkien ma taghmel din il-

konnessjoni u, anzi, tippreciza ragunijiet ohra korrelatati ma’ l-istess impjieg, ghal Qorti dan l-aspett lanqas ma ghandu xi rilevanza diretta fl-istharrig tal-kaz, jekk mhux ghar-riflessjoni negattiva fuq il-kredibilita` tax-xhieda ta’ l-istess attur fuq fatti ohra, l-aktar dak koncernanti l-ispjegazzjoni tieghu relattiv ghad-danni fuq il-vettura ta’ Vella Laurenti;

6. Fil-kumpless il-Qorti hi sodisfatta, in bazi ghall-preponderanza tal-probabilitajiet u dak tac-cirkostanzi generali tal-kaz illi, il-prova tac-certezza tal-fatt, u dik tal-verita` tieghu, saret kif ghandu jkun mill-konvenut Vella Laurenti, u minghajr ebda dubju li seta’ b’xi mod ifixkel jew jadombra s-serenita tal-gudizzju taghha. Dan apparti mbaghad mill-konsiderazzjoni illi l-pubblikazzjoni *ut sic* ma saretx minn dan il-konvenut, anke jekk forsi ssuggerita minnu;

7. Din il-konkluzjoni ghandha fil-hsieb tal-Qorti twassal ukoll b’koerenza guridika biex tezimi mir-responsabilita` lill-konvenut l-iehor John Formosa, avolja dan baqa’ kontumaci. Dan ghar-raguni ben konoxxuta illi l-kontumacja ma tammontax u ma tissarrafx f’dimostrazzjoni tal-fondatezza tal-pretensjoni fil-konfront tal-konvenut kontumacjali meta, kif inhu l-kaz hawnhekk, il-valutazzjoni tal-provi u s-success ta’ xi linja difensjonali assunta minn xi konvenut iehor ma jwasslux ghal dan.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, bl-akkoljiment ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Vella Laurenti, tichad it-talbiet ta’ l-attur fil-konfront taz-zewg konvenuti. L-ispejjez tal-kawza jitbatew mill-attur, hlief ghal dawk fir-rigward tal-konvenut John Formosa li ghandhom jibqghu a karigu ta’ dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------